

Lampir il-vampir kien ilu
biex imur għand dentist.
Kellu bżonn isinn in-nejbiet
ħalli jkun jista' jigdem
sewwa. Għalhekk, darba,
ħareġ mit-tebut, inbidel
f'farfett il-lejl u telaq
ifittex dentist.





L-ewwel staqsa lill-pulizija,
“Fejn nista’ nsib dentist? Irrid insinn in-nejbiet.”

Imma l-pulizija ħasbu qed jiġbidlu saqajh. “Itlaq ’l hemm!
U ttellifnix.”